Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Frar 2019
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2017/0309(COD)**

6556/19
ADD 1

CODEC 471
PROCIV 13
JAI 150
COHAFA 16
FIN 155

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv<br>- Dikjarazzjoni |

**Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni**

Il-pakkett finanzjarju addizzjonali għall-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili fl-2019 u fl-2020 ġie ffissat għal EUR 205,6 miljun. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità baġitarja, parti miż-żieda totali fil-baġit tar-rescEU għandha tkun disponibbli permezz ta' riallokazzjonijiet fl-Intestatura 3 (sigurtà u ċittadinanza) u fl-Intestatura 4 (Ewropa Globali) tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020. It-tliet istituzzjonijiet ifakkru li parti mir-riallokazzjonijiet hija diġà inkluża fil-baġit tal-2019 u diġà ġew inklużi EUR 15,34 miljun fl-ipprogrammar finanzjarju għall-2020.

Fil-qafas tal-proċedura baġitarja għall-2020, il-Kummissjoni hija mistiedna tipproponi EUR 18,24 miljun oħra f'riallokazzjonijiet biex tilħaq il-50 % għall-2019 u għall-2020 fl-istess intestaturi.